MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 989/2005

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

Vs

Dr Godfrey Farrugia

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Dr Godfrey Farrugia M.D., ta 47 sena, bin David u Catherine nee Ellul, imwieled Zebbug fl-4 ta' Mejju, 1960 u joqghod Notre Dame De La Garde, Triq it-Tlett Knejjes, Balzan, ID 344660(M) li gie mressaq akkuzat talli fit-18.12.2004 ghall-habta tas-18:00 hrs gewwa Haz-Zebbug;

1. Bil-hsieb li jaghmel hsara lil Dr Jeffrey Orlando Pullicino MP akkuza lill-imsemmija persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, (u cioe' meta qal li 18.12.2004 ghall-habta tas-18 hrs lill-imsemmija persuna hedded lil Marlene Pullicino u l' bintha li kien ser joqtolhom) filwaqt li kien jaf li l-imsemmija persuna innocenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 21 ta' April, 2005 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-13 ta' Mejju, 2005.

Rat li l-parti civili Dr Jeffrey Pullicino Orlando irrinunzja ghall kull azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007 l-partijiet ghazlu li ma jezentax lil din il-Qorti kif presedua milli terga' tisma' il-provi li nstemghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-fatt li l-partijiet naqsu milli jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga tisma' l-provi li nstemghu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nonostante li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq l-akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputat bl-ebda mod ma tista' titqies li giet ppruvata.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------